**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

**(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Mark Simiana, LL.D**

*Rikors Numru 1236/2012 MS*

**The Golden Shepherd Group Limited**

**Vs.**

**Korporazzjoni Enemalta, u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2015, Korporazzjoni Enemalta tiġi sostitwita b'Enemalta plc li llum hija s-suċċessur legali tal-Korporazzjoni, Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2013, tawtorizza l-leġittimazzjoni tal-atti f'isem il-Ministru għall-Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma u l-Ministru tal-Finanzi stante li qabel kienu vestiti fil-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, u Avukat Ġenerali, u b'effett tal-Avviż Legali 329/2019 il-kawża qed titkompla kontra l-Avukat tal-Istat**

Illum, 4 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru: 1K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mir-rikorrenti fit-12 ta' Diċembru 2012, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet hekk:

> Ili s-socjeta' rikorrenti hija propjetarja tal-Isptar St Philips f'Santa Venera, Malta u ggestixxi l-istess sptar;
>
> Illi s-socjeta' rikorrenti tircievi kontijiet tal-konsum tad-dawl u l-ilma relattivament ghall-istess Sptar;
>
> Illi fis-sena 2005 giet introdotta surcharge fuq il-kontijiet tal-elettriku u tal-ilma (ara kopja ta' Avviz Legali Numru 132 tal-2005 hawn annessa bhala Dokument 'A') permezz ta' liema l-kont tal-konsum kien jizdied b'persentagg stabbilit mil-ligi;
>
> Illi r-rata tas-surcharge kienet tvarja minn zmien għal zmien permezz ta' numru ta' Avvizi Legali (u cioe' Avvizi Legali numri 409/2005, 37/2006, 109/2006, 138/2006, 172/2006, 236/2006, 283/2006, 12/2007, 45/2007, 249/2007, 187/2008, 330/2008) u sahansitra ghal xi zmien kienet lahqet il- percentwali ta' hamsa u disghin fil-mija (95%), jigifieri r-rikorrenti bdiet tircievi kontijiet li meta tigi inkluza s-surcharge ikunu prattikament id- doppju tal-kont tal-konsum propju - ara per ezempju Avviz Legali numru 187 tal-2008 hawn anness bhala Dokument 'B';
>
> Illi r-regolamenti vigenti dak iz-zmien kienu jipprovdu ukoll għal sistema ta' capping li biha certi industriji kellhom il-beneficcju li s-surcharge tapplika biss sa certu ammont u jekk il-kont ikun jaqbez dak l-ammont ebda surcharge ma tigi ikkalkolata fuq dak l-eccess;
>
> Illi fost l-industriji li hekk kienu intitolati jibbenefikaw kien hemm ukoll 'hotels and guest houses having a valid licence issued by the Hotel and Catering Establishments Board in terms of the Guest Houses and Holiday Furnished Premises Act';
>
> Illi fil-fatt negozji bhal lukandi kienu jibbenefikaw mis-sistema tal- capping billi din tigi applikata mhux biss ghall-konsum tal-lukanda propja izda anke ghall-konsum maghmul minn negozji ancillari ghaliha, inkluz per ezempju cinema affiljata mal-istess lukanda;
>
> Illi tant hu hekk li kien hemm ukoll kazijiet fejn lukandi kienu joffru trattament mediku u dan is-servizz ukoll kien

jaqa' taht is-sistema tal- capping u fil-fatt f'dawn il-kazijiet il-lukanda kienet tibbenefika mis- sistema tal-capping inkluz fuq dik il-parti tas-servizz taghha li tkopri servizzi medici;

Illi fil-kaz tas-socjeta' rikorrenti s-sistema tas-surcharge kienet tigi applikata fuq il-kont kollu u ebda capping ma kien jigi applikat;

Illi ta' min jinnota li l-Isptar St Philips kien iservi bosta turisti barranin li kienu jigu Malta bhala medical tourists jigifieri biex jircievu trattament mediku waqt li lukanda li kienet izzomm turisti barranin ohrajn illi kienu jigu Malta għal xi skop iehor bhal per ezempju x-xemx u l-bahar kienu jibbenefikaw mill-capping;

Illi għalhekk l-Isptar St Philips kien qieghed jaqdi ukoll il-funzjonijiet ta' lukanda jew funzjonijiet analogi u kien ukoll jipprovdi ikel, u r-rikorrenti kellha l-licenzji kollha mehtiega biex topera dan in-negozju taghha, izda madanakollu s-socjeta' rikorrenti giet trattata differenti minn negozji ohra;

Illi fil-fatt l-Isptar St Philips kien jipprovdi residenza lill-pazzjenti kemm Maltin kif ukoll barranin u kien jigi sottomess ghall-istess skrutinju fejn jidhlu dawn is-servizzi bhal per ezempju spezzjonar tal-kcina u l-catering services, izda madanakollu r-rikorrenti giet trattata differenti minn operaturi ohrajn;

Illi s-socjeta' rikorrenti kienet qed tigi diskriminata negattivament ukoll peress li r-regolamenti in kwistjoni ma kienux ikopru ukoll is-servizz minnha offrut jew ma gewx interpretati li hekk ikopruh, u dan nonostante li effettivament anke r-rikorrenti toffri servizz fil-qasam turistiku, tenut kont ukoll ta' turizmu għal ragunijiet medici, terapewtici u ta' sahha;

Illi bis-sistema tas-surcharge ir-rikorrenti bdiet tircievi kontijiet ezagerati li f'temp ta' madwar tliet snin lahqu l-mijiet tal-eluf u dan kellu impatt negattiv fuq in-negozju u l-kompetittivita' tas-servizz offrut mill-istess rikorrenti, tant li r-rikorrenti soffriet danni kbar;

Illi anzi jrid jingħad li frott tad-diskriminazzjoni maghmula kontra l- esponenti, l-Isptar St Philips spicca li kien qiegħed jissussidja l-lukandi ta' Malta billi l-hela ta' haddiehor kien ipatti ghalih ir-rikorrent bis-surcharge li kienet qed tizdiedlu mal-kont;

Illi r-rikorrenti rrifjutat li taccetta li thallas l-imsemmija kontijiet billi dawn kienu eccessivi u billi kienu qed jintalbu a bazi ta' ligijiet u regolamenti li kienu diskriminatorji fil-konfront tar-rikorrenti, u fil-fatt ghad li hija effettwat xi hlasijiet dan dejjem ghamlitu bi protest u minghajr pregudizzju għad-drittijiet taghha;

Illi l-Korporazzjoni Enemalta sahansitra fethet arbitragg (numru EW2010/2009) kontra s-socjeta' rikorrenti fejn qed titlob hlas ta' ammonti li jinkludu surcharge, u r-rikorrenti ikkontestat l-istess talba ghal varji ragunijiet, wahda minnhom minbabba l-effett diskriminatorju tal-ligijiet u regolamenti dwar is-surcharge u l-implimentazzjoni taghhom kif appena msemmi;

Illi din il-kwistjoni giet imqajma ukoll quddiem il-Kummissjoni għall- Kummerc Gust li permezz ta' decizjoni tal-31 ta' Jannar 2011 iddecidiet illi ma kienx fil-mansjoni taghha li tagħti rimedju f'dan il-kaz (ara decizjoni hawn annessa bhala Dokument 'C');

Illi ricentement l-Arbitru fl-imsemmi arbitragg numru EW2010/2009 ta lodo preliminari li permezz tieghu iddikjara illi huwa m'huwiex kompetenti biex jiehu konjizzjoni ta' lanjanza dwar diskriminazzjoni, u li huwa jrid jillimita ruhhu billi jiddeciedi biss dwar jekk ir-regolamenti jew ligijiet rilevanti gewx osservati, u għalhekk mhux ser jiehu konjizzjoni dwar materji ta' diskriminazzjoni li setghu gew mahluqa mill-istess ligijiet jew regolamenti (ara kopja tal-lodo preliminari hawn annessa bhala Dokument 'D');

Illi kwindi s-socjeta' rikorrenti qed tressaq il-lanjanza taghha quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tigi deciza skont il-ligi;

Illi s-socjeta' rikorrenti tfisser illi d-diskriminazzjoni minnha sofferta tirrizulta b'diversi modi u dan inkluz bis-segwenti, u cioe':
i)Taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal- Bniedem abbinat mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni billi n-negozju tagħha mar ghall-aghar u gie ikkundizzjonat u affettwat negattivament tant illi sar telf kbir u dan direttament kawza tas-sistema tas-surcharge kif fuq deskritta u tal-effetti diskriminatorji u applikazzjoni diskriminatorja taghha;
ii) Ghall-istess ragunijiet, taht l-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
iii) Ghall-istess ragunijiet, u billi l-effetti msemmija intralcjaw ukoll ic-cirkolazzjoni libera tas-servizzi, l-

Avvizi Legali fuq imsemmija u t-thaddim taghhom kienu kuntrarji ghat-Trattati tal-Unjoni Ewropea;

Illi certament li l-propjeta' tas-socjeta' rikorrenti – u n-negozju taghha huwa possediment u propjeta' taghha - giet affettwata hazin hafna minhabba dan l-agir, tant illi effettivament giet drastikament imnaqqsa l-operabilita' tal-istess negozju;

Illi inoltre effettivament in-negozju tar-rikorrenti, li kien primarjament jaqdi pazzjenti barranin, u kien għalhekk ukoll joffri servizzi medici fuq livell Ewropew, gie tant drastikament affettwat li naqset serjament il- vijabbilita' li r-rikorrent jibqa' joffri servizzi medici f'Malta għal pazzjenti inkluz pazzjenti Maltin, barranin u Ewropej;

Illi mhux hekk biss, izda r-rikorrenti tghid ukoll illi minħabba li hija qatt ma kellha tigi trattata b'mod diskriminatorju u differenti minn haddiehor, sabiex titnehha definitivament kwalsijasi diskriminazzjoni li sehhet fil-konfront taghha, hija għandha tircievi lura kwalsijasi hlasijiet eccessivi li hija setghet ghamlet, fis-sens illi meta hallset kontijiet bi protest u minghajr pregudizzju dawn kienu jinkludu mhux biss il-kont tal-konsum propju, izda ukoll surcharge minghajr capping kif ukoll interessi fuqhom u għalhekk kwalsijasi ammont imhallas b'mod diskriminatorju għandu jigi rifuz lis-socjeta' rikorrenti;

Illi tant din is-sistema kienet diskriminatorja li giet eventwalment abolita u saru dikjarazzjonijiet pubblici mill-Ministru responsabbli mill-Enemalta dak iz-zmien illi s-sistema tas-surcharge u l-capping kienet qed titnehha propju billi kienet diskriminatorja (ara inkartament hawn anness bhala Dokument 'E');

Illi ma tistax issir gustizzja mar-rikorrenti jekk mhux billi jigi dikjarat illi din is-sistema kienet diskriminatorja fil-konfront tal-esponenti, u illi ghalhekk kwalsijasi hlasijiet mitluba mill-Korporazzjoni Enemalta jew entitajiet oħra a bazi ta' din l-istess sistema huma invalidi, ineffettivi u minghajr ebda effett fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

Illi ghalhekk kellha ssir il-prezenti kawza.

ipproċediet biex titlob lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-Awiz Legali Numru 132 tal-2005 u Avvizi Legali sussegwenti li haddmu sistema ta' surcharge u ta' capping fuq l-istess surcharge kif fuq premess (inkluz l-Avvizi Legali numri 409/2005, 37/2006, 109/2006, 138/2006, 172/2006, 236/2006, 283/2006, 12/2007, 45/2007, 249/2007, 187/2008, 330/2008), kellhom effett diskriminatorju fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti kemm taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem abbinat mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, kif ukoll taht l-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll minħabba li kienu kuntrarji jew kellhom effett kuntrarju ghat- Trattati tal-Unjoni Ewropea in kwantu diskriminatorji u in kwantu jintralcjaw ic-cirkolazzjoni libera tas-servizzi;

2. Konsegwentement tillikwida dik il-parti tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma hekk diskriminatorjament mitluba u tordna li l-ammont hekk likwidat ma huwiex dovut u illi kwalsijasi sejha ghall-hlas relattivament ghal dak l- ammont hija invalida, ineffittiva u minghajr ebda effett fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

3. Tordna r-rifuzjoni lis-socjeta' rikorrenti ta' kwalsijasi hlasijiet (anke taht protest u minghajr pregudizzju) li saru minnha ta' xi parti mill-ammont hekk likwidat;

4. Taghti lis-socjeta' rikorrenti kwalsijasi rimedju iehor ghall-imsemmija vjolazzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fis- sitwazzjoni, inkluz a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 13 u 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, u inkluz likwidazzjoni ta' kumpens gust ghall-vjolazzjonijiet imsemmija;

Bl-ispejjez u bl-intimati ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

B'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' rikorrenti naxxenti mill-fatti kif fuq dikjarati.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Korporazzjoni Enemalta fis-17 ta' Jannar 2013[1], li biha ġie eċċepit:

1. Illi preliminarjament u bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti, din is-sede, fil-gurisdizzjoni taghha, m'ghandiex il-gurisdizzjoni lli tiddetermina talbiet li huma kjarament ta' indole kostituzzjonali;

[1] A fol.54.

2. Illi ukoll preliminarjament it-tielet talba tar-rikorrenti hija fi kwalunke kaz preskritta ai termini ta' l-artikolu 1027 tal-Kodici Civili, (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma kollha nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, b'dan illi l-ammonti kollha mhallsa lill-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll l-ammonti kollha l-ohra reklamati mill-Korporazzjoni permezz tal-kontijiet mahruga minnha u permezz ta' proceduri ohra separate huma dovuti;

4. Illi kif indikat minnha stress is-socjeta' attrici hija l-proprjetarja u gestrici ta' l-isptar St.Philip's Hospital, li bhall kull sptar iehor, kemm privat kif ukoll pubbliku, kien suggett ghall-hlas tas-surcharge kalkolat fuq il-konsum tal-elettriku fil-fond relattiv bhal, in linea generali, kull individwu, entita kummercjali u entita statli ohra;

5. Illi l-unika eccezzjoni ghal din ir-regola kienu l-fabbriki u l-*Hotels* u *Guesthouses* u li kienu igawdu rati differenti u dan mhux biss fi zmien is-sistema tal-surcharges izda anke fiz-zmien antecedent l-introduzzjoni ta din is-sistema;

6. Illi l-ebda sptar qatt ma gawda minn rati differenti u ghalhekk il-pretensjoni tas-socjetà attrici illi l-isptar gestit minnha gie f'xi mod iddiskriminat mill-Korporazzjoni huwa ghal kollox infondat stante illi l-isptar in kwistjoni gie trattat fl-istess mod bhal kull sptar iehor f'Malta u Ghawdex;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt; Bl-ispejjez.

3. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Ministru intimat u mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta' Jannar 2013[2], li biha huma eċċepew hekk:

1.Illi in linea preliminari, l-esponenti jixtiequ jiccaraw li l-kumpanija rikorrenrti intavolat azzjoni purament civili ta' rimedju ordinarju permezz tar-Rikors Guramentat odjern u huwa risaput fil-Gurisprudenza nostrana li l-kumpannija

[2] A fol.69.

rikorrnti trid tesawrixxi r-rimedju ordinarji li jkunu disponibbli ghaliha qabel ma titlob ir-rimedju straordinarju. Ghallhekk, l-esponenti jirrilevaw li fl-azzjoni odjerna, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex Gurisdizzjoni sabiex tiddetermina kwistjonijiet ta' materja Kostituzzjonali ai termini tal-Kostituzzjonali u tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont l-Artikolu 4(2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) u skont l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fir-rigward tat-talbiet ta' materja Kostituzzjonali.

Inoltre, fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jirribattu ukoll li l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm ebda ksur da parte tal-esponenti tad-drittijiet fundamentali tal-kumpannija trikorrenti ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u/jew l-Artikolu 13, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 21 (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ghalhekk, l-argumenti tal-kumpannija rikorrenti f'dan ir-rigward huma ghal kollox insostenibbli.

2. Illi in linea preliminari ukoll, l-esponenti mhummiex il-legittimu kontraditturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 u ghalhekk ghandhom jigu liberate mill-osservanza tal-gudizzju stante li jirrizulta li din il-vertenza tikkoncerna hlas ta' kontijiet li hargu mill-korporazzjoni Enemalta fil-konfront ta' servizzi in inghataw lill-kumpannija rikorrenti li jidher li huma ukoll mertu ta' kontestazzjoni fl-Arbitragg;

3. Illi in linea preliminari ukoll, it-tielet talba tal-kumpannija rikorrenti hija, fi kwalunkwe kaz, preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu, l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-kumpannija rikorrenti a bazi ta' diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

(a) Illi l-ammonti kollha mhallsa lill-Korporazzjoni Enemalt kif ukoll l-ammonti kollha l-ohra reklamati mill-istess Korporazzjoni permezz tal-kontijiet mahruga minnha u permezz ta' proceduri ohra separati huma kollha dovuti;

(b) Illi l-kumpannija rikorrenti hija l-proprjetarja tal-isptar *St. Philip's,* li bhal kull sptar iehor, kemm privat kif ukoll pubbliku, kien suggett ghall-hlas tas-surcharge kalkolat fuq

il-konsum tal-elettriku fil-fond relattiv bhal, kull individwu, entita kummercjali u entita statali ohra;

(c) Illi l-unika eccezzjoni ghal din ir-regola kienu l-fabbriki u l-*Hotels u l-Guesthouses* li kellhom rati differenti u dan mhux biss fi zmien is-sistema tas-surcharge izda anke fiz-zmien antecedenti l-introduzzjoni ta' din is-sistema u dan ghar-raguni legittima li dan is-settur partikolari kien jehtieg hekk;

(d) Illi sabiex jigi ippruvat li kien hemm xi diskriminazzjoni fil-konfront tal-kumpannija rikorrenti, l-istess kumpannija trid tipprova *like with like.* Fil-fatt a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat, f'dan ir-rigward l-ebda sptar qatt ma gawda minn xi differenti jew gie trattat b'mod differenti minn xi sptar iehor f'Malta jew Ghawdex;

(e) Ghalhekk, il-pretensjonijiet tal-kumpannija rikorrenti li l-isptar gestit minnha gie b'xi mod iddiskriminat mill-Korporazzjoni Enemalta huma kollha insostenibbli.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fit-13 ta' Ġunju 2013[3], li permezz tagħha ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni dwar nuqqas ta' ġurisdizzjoni, filwaqt li r-rikorrenti ġiet ordnata «*tippreżenta rikors bl-intestatura korretta tas-Sede Kostituzzjonali tal-Qorti, fi żmien ħmistax-il ġurnata; tordna illi r-rikors kif korrett jiġi notifikat lill-intimati, li għandhom ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika għal-kwalunkwe eċċezzjoni ulterjuri li jidhrilhom xierqa li jissollevaw; u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jieħu konjizzjoni tal-korrezzjoni ta' Sede tal-Qorti sabiex din tiġi riflessa fl-atti tal-kawża u fis-Sistema elettronika tal-Qorti magħrufa bħala Lecam. Spejjeż riservati*»;

5. Rat li r-rikorrenti ottemporat ruħha mal-ordni kontenut fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013 permezz ta' nota preżentata fis-27 ta' Ġunju 2013, li bih preżentat rikors li fih l-istess premessi u talbiet bħar-rikors oriġinali;

6. Rat ir-risposta ulterjuri preżentata mill-Korporazzjoni Enemalta fit-8 ta' Lulju 2013[4], li biha ġie eċċepit ulterjorment:

[3] A fol.97.
[4] A fol.155.

1. Illi permezz ta' provediment datat 13 ta' Gunju 2013 din l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-intimati relattiva ghan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti, inter alia ordnat lis-socjeta rikorrenti tipprezenta rikors bl- intestatura korretta tas-Sede Kostituzzjonali tal-Qorti fi zmien hmistax-il gurnata, bil-fakolta tal-intimati li fi zmien hmistax-il gurnata minn notifika tar-rikors hekk korrett jipprezentaw kull eccezzjoni ulterjuri li tidrilhom xierqa;

2. Illi l-Korporazzjoni Enemalta, li fit-2 ta' Lulju 2013 giet notifikata bir-risposta korretta ai termini tal-provediment datat 13 ta' Gunju 2013, qeghda permezz tal- prezenti risposta ulterjuri, tavvali ruhha mill-fakolta moghtija mill-Onorabbli Qorti sabiex tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri konsistenti fis-segwenti b'dan illi zzomm fermi l-eccezzjonijiet sollevati permezz tar-risposta guramentata precedentement intavolata:

3. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni stante lli ir-rikorrenti ghogobhom jinterponu din l-azzjoni minghajr ma ezawrew ir-rimedji ordinarji li tipprovdilhom il-ligi u dan stante li l-arbitragg intavolat mill- Korporazzjoni Enemalta sabiex ir-rikorrenti jigu dikjarati debituri taghha (ARB EW 2010/2009 Enemalta Corporation) għadu ma giex determinat definitivament skond il-ligi, partikolarment billi l-istess Golden Shepherd Group Limited talbet ghas-soprasessjoni ta' l-arbitragg pendenti l-ezitu tal-proceduri odjemi;

4. Illi inoltre, fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jirribattu ukoll bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent stante li ma kien hemm ebda ksur da parte tal-esponenti tad-drittijiet fundamentali tal- kumpannija rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u/jew l- Artikoli 13, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

5. illi għalhekk, l-argumenti tal-kumpannija rikorrenti f'dan ir-rigward huma ghal kollox insostenibbli.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din 1-Onorabbli Qorti joghogobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bhala nfondati kemm fil- fatt kif ukoll fid-dritt;

Bl-ispejjez

7. Rat ukoll ir-risposta ulterjuri preżentata mill-Ministru intimat u mill-Avukat Ġenerali fis-16 ta' Lulju 2013[5], li biha ġie eċċepit ukoll:

(1) Illi in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha a tenur tal- proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni stante d-disponibilita' ta' mezzi ohra xierqa ta' rimedju ordinarju li l-kumpannija rikorrenti ghandha sabiex tivvanta l-pretensjonijiet tagħha fosthom arbitragg li jinsab pendenti;

(2) Illi in linea preliminari ukoll, l-esponenti mhumiex il-legittimu kontradditturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 u għalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li jirriżulta li din il-vertenza tikkoncerna hlas ta' kontijiet li hargu mill-Korporazzjoni Enemalta fil-konfront ta' servizzi in inghataw lill-kumpannija rikorrenti li huma ukoll mertu ta' kontestazzjoni fl- Arbitragg

(3) Illi fir-rigward tal-mertu, l-esponenti jirribattu li l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-kumpannija rikorrenti da parte tal-intimati huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm ebda ksur da parte tal-esponenti ai termini tal- Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u/jew l-Artikoli 13, 14 tal- Konvenzjoni Ewropea u/jew 1-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u/jew 1-Artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ghalhekk, 1-argumenti tal-kumpannija rikorrenti fil-konfront tal-intimati huma ghal kollox insostenibbli;

(4) Illi l-ligi tal-Unjoni Ewropea imkien ma tipprojbixxi r-regolamentazzjoni ta' surcharge. Ghal finijiet tal-kaz odjern ghandu jigi fil-fatt rilevat li din ir-regolamentazzjoni saret b'mod proporzionali minghajr ebda distinzjoni bejn kull sptar ichor, kemm privat kif ukoll pubbliku. Fil-fatt, l-isptarijiet huma kollha suggetti ghall-hlas tas-surcharge kalkolat fuq il-konsum tal- elettriku fil-fond relattiv bhal, kull individwu, entita kummercjali u entita statali ohra;

(5) Illi dato ma non concesso li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-kumpannija rikorrenti, l-esponenti huma tal-umli fehma li fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur hija sufficjenti;

[5] A fol.157.

(6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tal- kumpannija rikorrenti kif dedotti fir-Rikors ghandhom jigu michuda stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal- kumpannija rikorrenti kif qed jigi allegat; bl-ispejjez kontra tagħha.

8. Rat il-provi u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

9. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

10. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-intimati;

11. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

12. Illi b'din l-azzjoni r-rikorrenti qed tilmenta mit-tħaddim fil-konfront tagħha tal-Avviż Legali 132/2005, kif emendat minn żmien għal żmien, li bih kienet tiġi mposta *surcharge* fuq il-konsum tal-elettriku u tal-ilma. Ir-rikorrenti, li fiż-żmien rilevanti kienet proprjetarja u operatur ta' sptar privat, issostni li dan l-Avviż Legali kien wieħed diskriminatorju, billi kien jgħabbi lilha b'din is-*surcharge* filwaqt li jeżenta operaturi oħrajn f'setturi li hija tgħid li huma simili għal tagħha mill-ħlas tal-istess ammont ta' *surcharge*. Ir-rikorrenti tgħid li dan jikser id-dritt fondamentali tagħha għall-ħarsien kontra d-diskriminazzjoni, kif protett mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif kombinat mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, kif ukoll jikser l-artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u dispożizzjonijiet oħra mit-Trattati tal-Unjoni Ewropea li jittutelaw iċ-ċirkolazzjoni libera tas-servizzi.

13. Il-fatti rilevanti jistgħu jiġu riepilogati kif ġej.

14. Kif ingħad, ir-rikorrenti fiż-żmien rilevanti kienet sidt u operatur ta' sptar privat magħruf bl-isem "St Philip's" sitwat f'Santa Venera. Is-servizzi tagħha kienu jiġu

provduti kemm lil persuni Maltin u kemm lil persuni barranin. Ir-rikorrenti sostniet li hija kienet tirreklama s-servizzi tagħha barra minn Malta u b'hekk kellha klijenti li jiġu Malta apposta biex jużaw is-servizzi tagħha[6]. B'rabta mas-servizzi mediċi li tagħti, r-rikorrenti kellha wkoll permessi dwar *catering* u kienet toffri akkomodazzjoni għal dawk il-pazjenti tagħha li kienu jeħtieġu joqgħodu numru ta' ġranet rikoverati qabel jiġu rilaxxati mill-isptar.

15. Fis-sena 2005 kienet introdotta s-sistema tas-*surcharge* permezz tal-leġiżlazzjoni ċitata. Din is-sistema baqgħet titħaddem sax-xahar ta' Settembru tas-sena 2008[7]. Matul it-tħaddim tagħha, jidher li kien hemm numru ta' kumpaniji kummerċjali li kienu jibbenefikaw minn *capping* li permezz tiegħu l-ammont imponibbli ta' *surcharge* ma kienx jeċċedi somma pre-stabbilita. Ir-rikorrenti tgħid li fost dawn il-kumpaniji kien hemm lukandi u kien hemm ċinema kif ukoll kumpaniji ta' manifattura[8]. Kien hemm ukoll lukandi li kienu jipprovdu trattamenti kożmetiċi li kienu wkoll jibbenefikaw minn dan il-*capping*[9]. Ir-rikorrenti tgħid li dan wassal biex l-ammont li frankaw il-kumpaniji eżentati kellhom jagħmlu tajjeb għalih il-kumpaniji mhux eżentati, bħalha, b'mod li kien hemm okkażjonijiet fejn bis-*surcharge*, il-kont tal-utilitajiet tagħha kważi rdoppja[10].

16. Fil-fatt irriżulta li l-*capping* kien benefiċċju mogħti lill-fabbriki u lill-lukandi u *guesthouses* li kienu liċenzjati mill-Awtorità għat-Turiżmu[11], kif ukoll lil madwar ħdax-il elf familja li kienu meqjusa soċjalment vulnerabbli[12]. Sptarijiet oħrajn, kompriżi sptarijiet pubbliċi, kienu wkoll iħallsu s-*surcharge* mingħajr *capping*[13]. Min-naħa l-oħra, ma rriżultax li dan il-*capping* kien applikat fir-rigward ta' ċinema[14]. Il-provi juru wkoll li s-*surcharge* kien impost mingħajr *capping* anki fir-rigward ta' djar tal-anzjani, djar residenzjali għat-tfal u postijiet oħra li jipprovdu servizzi mediċi[15].

---

[6] Ara x-xiehda ta' Dr Frank Portelli, a fol.228, u d-dokument eżebit a fol.236, kif ukoll id-dokumenti eżebiti minn fol.238-251.
[7] Ara x-xiehda ta' Rueben Bonnici, a fol.194, u ta' Henri Attard, a fol.270C.
[8] Ara x-xiehda ta' Dr Frank Portelli, a fol.226.
[9] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Dr Frank Portelli, a fol.454.
[10] Ara x-xiehda ta' Dr Frank Portelli, a fol.227.
[11] Ara x-xiehda ta' Henri Attard, a fol.270B.
[12] Ara x-xiehda tal-Inġinier Frederick Azzopardi, a fol.286H.
[13] Ara x-xiehda ta' Henri Attard, a fol.270C.
[14] Ara d-dokumenti eżebiti a fol.271-272.
[15] Ara x-xiehda ta' Henri Attard, minn fol.282A-282D, kif ukoll a fol.286A.

17. Ir-rikorrenti tgħid li sakemm kienet applikata din is-sistema, hija kienet tħallas il-kontijiet tagħha taħt protesta[16].

18. Jidher li fil-21 ta' Lulju 2009[17], il-Korporazzjoni Enemalta bdiet proċeduri t'arbitraġġ bin-numru EW2010/2009 kontra r-rikorrenti għall-ħlas tal-kontijiet tal-utilitajiet in kwistjoni. Fid-difiża tagħha[18], r-rikorrenti eċċepiet li l-Korporazzjoni kienet qed tabbuża minn pożizzjoni dominanti fis-suq, kif ukoll li l-ammont ma kienx dovut. Ir-rikorrenti kienet ressqet ukoll ilment fis-sens li l-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tabbuża minn pożizzjoni dominanti quddiem id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta li ġie wkoll riferut lill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, li b'deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2011 qieset li l-ilment ma kienx fondat[19]. Waqt is-smigħ tal-proċeduri t'arbitraġġ – li kienu ġew sopraseduti pendenti l-eżitu tal-ilment quddiem l-awtoritajiet affidati b'ġurisdizzjoni f'materja ta' liġi dwar il-kompetizzjoni[20], ġie allegat mir-rikorrenti li t-tħaddim tas-sistema tas-*surcharge* kienet diskriminatorja fil-konfront tagħha. B'dikriet mogħti fil-21 ta' Novembru 2012[21], l-Arbitru qies li t-tribunal arbitrali ma kellux ġurisdizzjoni biex jieħu konjizzjoni ta' lment bħal dak, billi l-kompetenza tiegħu kienet limitata għad-determinazzjoni dwar jekk il-liġijiet ordinarji applikabbli għall-każ kienux qed jiġu osservati.

19. Għalhekk ir-rikorrenti ressqet din il-kawża, fejn hija ssostni li għandha tiġi rifuża s-somma ta' €83,786.04[22]. L-intimata Enemalta plc iżda tgħid li anki kieku għall-grazzja tal-argument ir-rikorrenti kellha raġun fl-ilment tagħha, xorta l-konsegwenza ma tkunx li għandha tiġi rifuża xi flus, imma li jkollha tħallas inqas mill-ammont attwalment reklamat mingħandha[23].

20. Sadanittant, il-proċeduri t'arbitraġġ ġew sopraseduti mill-ġdid sakemm tiġi deċiża din il-kawża[24].

---

[16] Ara x-xiehda ta' Dr Frank Portelli, a fol.231.
[17] Ara x-xiehda ta' Dr Fiona Galea Farrugia, a fol.185.
[18] Ara fol.335.
[19] Ara fol.11.
[20] Ara fol.389.
[21] Ara fol.21.
[22] Ara l-prospett eżebit mir-rikorrenti minn fol.258-260.
[23] Ara x-xiehda ta' Henri Attard, a fol.286E-286F, kif ukoll il-prospett eżebit minnu minn fol.286J-290.
[24] Ara fol.431.

21. Sabiex jassistiha f'din il-kawża, il-Qorti kif diversament presjeduta ħatret perit komputista li rrelata permezz ta' rapport preżentat fil-5 ta' Novembru 2019 u minnu maħluf fl-4 ta' Diċembru 2019[25]. B'dan ir-rapport, il-perit komputista fisser lill-Qorti dawn il-konklużjonijiet tiegħu, u ċjoè:

    i) li waqt il-perijodu rilevanti, l-ammont totali dovut mir-rikorrenti b'konsegwenza tas-*surcharge* kien jammonta għal €99,398;
    ii) li f'każ li matul il-perijodu rilevanti, ir-rikorrenti kienet tibbenefika mill-*capping*, l-ammont dovut minnha kien ikun ta' €72,043;
    iii) li dan kollu jfisser li fis-6 ta' Ġunju 2019, ir-rikorrenti kellha tħallas lil Enemalta plc s-somma ta' €26,514 jekk tapplika s-*surcharge* kollha, filwaqt li kieku titqies applikabbli l-*capping*, ir-rikorrenti kien ikollha tirċievi lura s-somma ta' €841.

22. Waqt l-eskussjoni li saritlu fl-udjenza tas-17 ta' Ġunju 2021, il-perit komputista kkonferma li dawn il-konklużjonijiet tiegħu kienu bażati fuq l-assunzjoni li l-ammont ta' €398,201 ma kienx għadu dovut mir-rikorrenti[26]. F'każ li jirriżulta li dak l-ammont għadu dovut[27], ikun ifisser li fis-6 ta' Ġunju 2019, ir-rikorrenti kellha tħallas l-ammont kumplessiv ta' €424,715 jekk tapplika s-*surcharge* kollu, jew l-ammont ta' €397,360 jekk ir-rikorrenti kellha tibbenefika mill-*capping*[28]. Wara eskussjoni bil-kitba li saritlu mir-rikorrenti, il-perit komputista kkonferma li mingħajr *surcharge*, ikun jirriżulta li r-rikorrenti ħallset is-somma ta' €64,015 żejda b'rabta mal-utilitajiet tal-isptar ġestit minnha[29].

Ikkunsidrat:

23. Illi issa li ġew esposti l-fatti ewlenin li jsawwru l-każ tar-rikorrenti, imiss issa li l-Qorti tibda tqis uħud mill-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati u li għadhom ma ġewx deċiżi.

[25] Ara fol.606.
[26] Ara fol.810.
[27] Mix-xiehda ta' Reuben Bonnici (fol.881) jirriżulta li dan l-ammont ma tneħħix mill-kontijiet tar-rikorrenti għax tħallas, imma sabiex ma jakkumulax aktar imgħax.
[28] Ara fol.812.
[292929] Ara fol.818.

24. Il-Qorti se tibda billi tqis l-eċċezzjoni tal-Ministru intimat kif ukoll tal-Avukat tal-Istat li huma m'humiex il-leġittimi kontradditturi tat-talbiet tar-rikorrenti. Fl-eċċezzjoni tagħhom, huma jgħidu li l-kwistjoni tar-rikorrenti hija dwar kontijiet dovuti lill-Korporazzjoni Enemalta (issa Enemalta plc). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, dawn l-intimati jkomplu jelaboraw dwar din l-eċċezzjoni tagħhom billi jsostnu li l-Avviżi Legali mpunjati mir-rikorrenti kollha ġew fis-seħħ permezz tas-setgħat li kellha l-Korporazzjoni intimata, u konsegwentement jekk dawn l-Avviżi Legali kisru l-jeddijiet tar-rikorrenti, hija biss l-istess Korporazzjoni li għandha twieġeb.

25. Dawn l-intimati, fis-sottomissjonijiet tagħhom, jirreferu wkoll għall-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> 181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
>
> Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
> (a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;
> (b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;
> (ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.
>
> (2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

26. Issa kif rajna l-ilmenti tar-rikorrenti essenzjalment huma dwar l-effetti naxxenti mit-tħaddim ta' sensiela ta' avviżi legali, msemmija fir-rikors promotur, u għalhekk huwa biss loġiku li l-leġittimu kontradittur ta' dawn l-ilmenti huma l-entitajiet responsabbli għall-promulgazzjoni u għad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-avviżi legali. Effettivament jirriżulta li dawn l-avviżi legali saru bis-saħħa tal-artikolu 39 tal-Att dwar l-Enemalta (Kapitolu 272 tal-liġijiet ta' Malta); l-avviż legali bin-numru 132/2005 li ntroduċa s-sistema tas-*surcharge* sar bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Investiment, tal-Industrija u tat-Teknoloġija Informatika kif ukoll tal-Ministru tar-Riżorsi u tal-Infrastruttura.

27. Waqt is-sottomissjonijiet bil-kitba u bil-fomm li saru qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza, irriżulta li mhux kontestat fil-fatt li l-avviżi legali in kwistjoni kienu saru mill-intimata Enemalta bl-approvazzjoni tal-Gvern, li f'dan il-każ huwa rappreżentat mill-Ministru intimat.

28. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk huma l-Korporazzjoni Enemalta (illum suċċeduta mis-soċjetà Enemalta plc) u l-Ministru intimat li huma l-leġittimi kontradditturi tal-azzjoni tar-rikorrenti, billi hija bil-ħidma tagħhom li l-leġiżlazzjoni sussidjarja mpunjata mir-rikorrenti daħlet fis-seħħ u kellha effett legali (ara, per eżempju, ***Alfred Spiteri et vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et***, Qorti Kostituzzjonali, 7/10/2013).

29. L-Avukat tal-Istat, min-naħa l-oħra, ma kellu l-ebda involviment fil-fatti tal-każ, u l-preżenza tiegħu lanqas ma hija meħtieġa minħabba l-fatt li t-talba ma tistax tiġi diretta kontra xi entità oħra tal-Gvern. F'dan il-każ, billi hija leġiżlazzjoni sussidjarja li qed tiġi mpunjata, l-Avukat tal-Istat ma kellux għalfejn jiġi ċitat, u għalhekk qed jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat:

30. Illi l-Ministru intimat u Enemalta entrambi jissollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili.

31. Din l-eċċezzjoni hija bla fondament. Il-preskrizzjoni eċċepita hija applikabbli biss għal dawk l-azzjonijiet li permezz tagħha l-attur jitlob ir-radd lura ta' ħaġa li huwa ħallas meta ma kellux obbligu. Ir-rikorrenti – għalkemm qed titlob finalment rifużjoni – qiegħda tgħid li hija kellha obbligu li tħallas, iżda dak l-obbligu joħroġ minn liġi li tikser id-drittijiet fondamentali tagħha. L-azzjoni għalhekk m'hijiex waħda ċivili għar-ripetizzjoni ta' dak li ma kellux għalfejn jitħallas, imma azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fondamentali, li m'hijiex soġġetta għal preskrizzjoni (ara f'dan is-sens ***A.I.C. Joseph Barbara et vs. Onorevoli Prim Ministru***, Qorti Kostituzzjonali, 7/10/1997[30]; kif ukoll

[30] Kollezz. Vol.LXXXI.i.39.

***Joseph Mary Vella et vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, Qorti Kostituzzjonali, 6/8/2001).

32. Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

33. Illi eċċezzjoni oħra sollevata mill-intimati kienet dik dwar in-nuqqas t'eżawriment ta' rimedji ordinarji.

34. Il-prinċipji li huma applikabbli għal eċċezzjoni bħal din ġew sewwa elenkati fid-deċiżjoni ***Dr Mario Vella vs. Joseph Bannister noe*** (Qorti Kostituzzjonali, 7/3/1994)[31], fejn wara rassenja ta' ġurisprudenza dwar l-istess materja, dik l-Onorabbli Qorti enunċjat is-segwenti linji ġurisprudenzjali:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità ta' l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
>
> (ċ) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;
>
> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dan il-possibbli rimedju ma kienx però se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;
>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk però dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;

[31] Kollezz. Vol.LXXVIII.i.48.

> (f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.

35. Illi sabiex jingħad li kien hemm rimedju ordinarju disponibbli, dan ir-rimedju, «*... jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi*» (***Peter Paul Muscat vs. Mario Muscat pro et noe et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 26/3/2009).

36. Huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, li l-arbitraġġ pendenti bejn ir-rikorrenti u Enemalta ma jista' qatt jikkostitwixxi rimedju xieraq jew adekwat għall-ilmenti tar-rikorrenti. Dan tant hu hekk li t-tribunal arbitrali stess issoprassjeda pendenti l-eżitu ta' din il-kawża, proprju għaliex aktar qabel korrettement qies li ma kellux is-setgħa u l-kompetenza li jieħu konjizzjoni ta' lmenti dwar ksur ta' drittijiet fondamentali.

37. Għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

38. Illi jonqos li jiġi kkunsidrat il-meritu tat-talbiet tar-rikorrenti.

39. Kif rajna, fir-rikors promotur tagħha r-rikorrenti qed tappoġġja t-talbiet tagħha fuq (i) dispożizzjonijiet tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea kif kombinati mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, (ii) l-artikolu 21(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u (iii) it-Trattati tal-Unjoni Ewropea.

40. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, r-rikorrenti ma telabora xejn fuq l-ilment tagħha kif radikat fuq id-dispożizzjonijiet riferuti f'(ii) u (iii), supra, però lanqas ma tirtirahom u għalhekk jibqa' doveruż għall-Qorti li tqishom ukoll.

<u>Dwar l-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea</u>

41. Fid-deċiżjoni ***Marie Therese Cuschieri vs. Avukat Ġenerali*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 28/3/2017)[32] ġie osservat:

> Illi aparti li l-Qorti Ewropea (CJEU) tapplika l-principji kif enuncjati u interpretati mill-Qorti ta' Strasbourg, ghandu jigi senjalat li l-Karta tadDrittijiet Fundamentali ghandha l-forza ta' Ligi f'pajjizna u hija mqeghda fuq l-istess livell daqs it-Trattati. Madanakollu l-Karta titqies li hija ligi ordinarja b'differenza mal-Kostituzzjoni u hija applikabbli biss fir-rispett ta' materja li taqa' tal-kompetenzi u kompiti tal-Unjoni Ewropea. Dan mhuwiex il-kaz odjern li jirrigwarda materja ta' kompetenza nazzjonali.

42. Din il-Qorti tirreferi wkoll għad-deċiżjoni ***Salvatore Oliveri vs. L-Avukat Ġenerali et*** (Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 8/6/2015) fejn intqal hekk:

> Dwar it-tieni eccezzjoni, jinghad illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE mhijiex applikabbli ghaliex il-Karta tapplika biss meta jkun hemm thaddim ta` ligi tal-UE. Allura meta qrati domestici jkunu qeghdin jittrattaw kwistjonijiet relattivi ghal ligi nazzjonali, dawk il-qrati mhumiex obbligati japplikaw il-Karta, izda ghandhom japplikaw l-protezzjonijiet sanciti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea. Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-allegata lezjoni temani minn ligi domestika ; ghalhekk l-ilment johrog `il barra mill-isfera ta` applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Issir riferenza ghas-sentenza tas-26 ta` Frar 2013 moghtija fil-kawza "<u>**Aklagaren vs Hans Akberberg Fransson**</u>" deciza fil-Qorti tal-Gustizzja tal-UE, fejn inter alia kien osservat illi " *... the Charter`s field of application so far as concerns action of the Member States is defined in Article 51(1) thereof, according to which the provisions of the Charter are addressed to the Member States only when they are implementing European Union law ...*" Ghalhekk it-tieni eccezzjoni ghandha tkun milqugha.

[32] Konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar 2018.

43. Dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, insibu miktub li: «*Since the EU Charter of Fundamental Rights aimed, in large part, at a codification of the general principles protecting the fundamental rights, one might expect the direct effect of its provisions to be similar to that of the general principles. However, such 'smooth transition' was complicated by the inclusion of Article 52(5) in the Charter, making a distinction between rights and principles. The provisions of the Charter 'which contain principles' are said, in that article, to be 'judicially cognizable' only when ruling on the interpretation or validity of European and national acts that implement them. The fact that principles are not 'judicially cognizable' except in the limited cases mentioned in article 52(5) means that they also cannot have direct effect...*»[33].

44. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti qiegħda tattakka leġiżlazzjoni sussidjarja li ġiet introdotta fis-sena 2005 mhux b'rabta jew in konnessjoni ma' xi leġiżlazzjoni komunitarja. Il-leġiżlazzjoni mpunjata fil-fatt kellha l-iskop li tintroduċi soprataxxa fuq il-konsum tal-elettriku u tal-ilma, u hija miżura prettament domestika li ma tikkonsistix fit-traspożizzjoni ta' liġijiet Ewropej.

45. Għalhekk l-ilment, sa fejn mibni fuq l-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, mhux fondat.

<u>Dwar il-ksur tat-Trattati Ewropej</u>

46. Fir-rikors li bih inbdiet il-kawża, r-rikorrenti sostniet li l-leġiżlazzjoni sussidjarja mpunjata kienet tikser it-Trattati Ewropej billi jikkostitwixxu intralċ fil-konfront taċ-ċirkolazzjoni libera tas-servizzi. Fis-sottomissjonijiet tagħha, ma telabora xejn fuq din il-premessa aktarx ġenerika.

47. Il-Qorti jidhrilha li dan l-ilment huwa infondat ukoll, għal diversi raġunijiet. Ibda biex il-kawża hija, essenzjalment, dwar ksur ta' drittijiet fondamentali protetti mill-Konvenzjoni Ewropea, filwaqt li kwistjoni dwar ksur ta' liġi Ewropeja hija

---

[33] ***Craig & De Búrca***, The Evolution of EU Law (3rd Edition, Oxford), paġ.203.

essenzjalment kwistjoni ta' liġi ordinarja li tista' tiġi dedotta permezz t'azzjoni ordinarja li fiha ma jitqanqlux kwistjonijiet ta' drittijiet fondamentali.

48. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma ressqet assolutament ebda prova biex turi kif il-leġiżlazzjoni mpunjata wasslet biex fixklet jew intralċjat iċ-ċirkolazzjoni libera tas-servizzi fis-suq komuni tal-Unjoni Ewropea. Ebda prova f'dan is-sens ma saret u għalhekk ukoll l-ilment ma jistax jirriżulta.

<u>Dwar il-Konvenzjoni Ewropea</u>

49. Niġu issa għall-kwistjoni ċentrali f'din il-kawża, u li dwarha r-rikorrenti ddedikat is-sottomissjonijiet kollha tagħha.

50. L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid hekk:

> It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.

51. Kif jinsab miktub minn ***Karen Reid***: «*According to the case-law, an applicant must establish that he is subject to a difference in treatment from others in a comparable position in the enjoyment of one of the rights guaranteed under the Convention, which difference cannot be objectively and reasonably justified, having regard to the applicable margin of appreciation. Once a difference in treatment is established, it is however for the respondent Government to show that it was justified (**Serife Yigit v. Turkey**, 2/11/2010)*»[34]. L-istess awtriċi tissokta tgħid: «*By its formulation, the provision has been tied inexorably to the other substantive rights in the Convention. An applicant complaining of discrimination must allege it in respect of, for example, freedom of religion or fair trial. It is useless to invoke it in the area of employment rights, political office, pay, access to private leisure facilities ..... In* Belgian Linguistics (July 23, 1968), *the Court noted that the provision had "no independant existence" and it was as though*

[34] A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (Sweet & Maxwell, 2012), pġa.364.

*it was an integral part of each of the substantive articles. Further, extreme discrimination has been held by the Convention organs to constitute degrading treatment contrary to Art.3 (**East African Asians v. UK** (14/12/1973); **Cyprus v. Turkey** (10/05/2001))*»[35].

52. F'dan is-sens, min jallega t-twettiq ta' xi diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, ma jistax iressaq din l-allegazzjoni weħidha, iżda irid juri li l-aġir diskriminatorju ilmentat ikun sar b'rabta ma' jew fl-ambitu ta' wieħed mid-drittijiet fundamentali l-oħrajn, hekk imsejħa "sostantivi". L-istess awtriċi fil-fatt tikteb, «*Conversely, a finding of no violation of a substantive article does not preclude the examination of the discrimination complaint, as in* Abdulaziz v. UK *where the claims under Art.8 where rejected. This is the type of case where the essence of the complaint is the discriminatory application of the measures which otherwise disclose no fundamental incompatibility with the provisions of the Convention*»[36]. Dwar l-istess materja, ingħad ukoll li, «*Subject to this limitation, the Court has generally approached the application and interpretation of Article 14 in an effective way. In particular, an applicant may establish a violation of Article 14, even though he cannot show or does not even claim, a violation of another article* (see Belgian Linguistic case)*, provided that the claim falls 'within the ambit' of a Convention right. This is possible as the Court has held 'the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably then another, even thought the more favourable treatment is not called for by the Convention'*»[37].

53. Huwa mportanti li jingħad illi «*Article 14 contains a long, and apparently non-exhaustive list of characteristics which might render differential treatment discriminatory, so identifying the 'badge' on the basis of which the differential treatment is made is not usually a problem. Furthermore, these identified 'badges' are supplemented by an open-ended 'other status' category which has been held to include sexual orientation, marital status, legitimacy, status as a trade union, military status, conscientious objection, professional status and imprisonment*»[38] (fl-istess sens ara ad

[35] Ibidem.
[36] Ibid, paġna 371.
[37] ***Harris, O'Boyle and Warbrick***, European Convention on Human Rights (2nd Edition, Oxford), paġna 580.
[38] ***Harris, O'Boyle and Warbrick***, op cit, paġna 584.

eżempju ***Victor Spiteri vs. Avukat Ġenerali et***, Prim'Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 25/09/2008).

54. Huwa wkoll rilevanti li jiġi osservat illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tagħraf bejn diskriminazzjoni diretta u indiretta. Ġie awtorevolment imfisser hekk:

> 32. Article 14 does not provide a definition of what constitutes direct discrimination. The expression "direct discrimination" describes a "difference in treatment of persons in analogous, or relevantly similar situations" and "based on an identifiable characteristic, or 'status'" (Biao v. Denmark [GC], 2016, § 89; Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010, § 61; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 175; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 60) protected by Article 14 of the Convention (Varnas v. Lithuania, 2013, § 106; Hoogendijk v. the Netherlands (dec.), 2005). That provision thus requires that persons in a similar situation be treated in an equal manner (ibid.).
>
> …
>
> 35. Indirect discrimination may take the form of disproportionately prejudicial effects of a general policy or measure which, though couched in neutral terms, has a particular discriminatory effect on a particular group (Biao v. Denmark [GC], 2016, § 103; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 184; Sampanis and Others v. Greece, 2008, § 67). Although the policy or measure at stake may not be specifically aimed or directed at a particular group, it might nevertheless discriminate against that group in an indirect way (Hugh Jordan v. the United Kingdom, 2001, § 154; Hoogendijk v. the Netherlands (dec.), 2005). Indirect discrimination does not necessarily require a discriminatory intent (Biao v. Denmark [GC], 2016, § 103; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 184). Moreover, indirect discrimination may arise from a neutral rule (Hoogendijk v. the Netherlands (dec.), 2005), from a de facto situation (Zarb Adami v. Malta, 2006, § 76) or from a policy (Tapayeva and Others v. Russia, 2021, § 112).[39]

[39] Guide on Article 14 of the European Convention on Human Rights and on Article 1 of Protocol No. 12 to the Convention (aġġornati fid-29 ta' Frar 2024).

55. Ingħad ukoll illi jkun hemm ksur tal-artikolu 14 fejn jintwera li, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva u raġjonevoli, persuni f'sitwazzjoni rilevanti simili jiġu trattati b'mod differenti (***Raymond Vella et noe vs. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet***, Qorti Kostituzzjonali, 24/05/2004). Dan huwa suffiċjenti għaliex «*l-każi ta' diskriminazzjoni speċifikati fl-istess artikolu ma humiex restrittivi u kull każ fejn jirriżulta li l-individwu ġie diskriminat kontra, billi l-awtorita' ma tkunx aġixxiet b'mod imparzjali, anke mingħajr ma dik id-diskriminazzjoni tinkwadra ruħha taħt waħda mill-każijiet imsemmija f'dan l-artikolu, għandu wkoll ikun sottopost għall-iskrutinju tal-Qrati*»[40].

56. Issa kif diġà ġie rilevat, sabiex tinstab leżjoni taħt l-artikolu 14, ir-rikorrenti trid turi li hija ġarrbet trattament differenti fit-tgawdija ta' xi jedd fundamentali ieħor taħt il-Konvenzjoni li mhux oġġettivament ġustifikabbli. U sabiex ikun jista' jingħad li jeżisti trattament differenti, ir-rikorrenti trid turi li xi ħadd ieħor f'sitwazzjoni analoga għal tagħha qed jiġi trattat b'mod differenti (ara ***Alfred Spiteri et vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et***, Qorti Kostituzzjonali, 7/10/2013).

57. Dan l-aspett tal-każ huwa l-aktar wieħed li fuqu iffukaw il-kontendenti. Fir-rigward ġie spjegat fil-***Guide on Article 14 of the European Convention on Human Rights and on Article 1 of Protocol No. 12 to the Convention*** illi:

> 59. In order for an issue to arise under Article 14, there must be a difference in treatment of "persons in an analogous or relevantly similar situation" (Molla Sali v. Greece [GC], 2018, § 133; Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 113; Khamtokhu and Aksenchik v. Russia [GC], 2017, § 64; X and Others v. Austria [GC], 2013, § 98; Konstantin Markin v. Russia [GC], 2012, § 125; Marckx v. Belgium, 1979, § 32; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 60; D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], 2007, § 175; Zarb Adami v. Malta, 2006, § 71; Kafkaris v. Cyprus [GC], 2008, § 160). In other words, the requirement to demonstrate an analogous position does not require that the comparator groups be identical. An applicant must demonstrate that, having regard to the particular nature of his or her complaint, he or she was in a relevantly similar situation to others treated differently (Fábián v. Hungary [GC], 2017, §

[40] ***Raymond Vella et noe vs. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet***, Prim'Awla, 4/6/1997, u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-partijiet li jirrigwardaw l-artikolu 14 b'sentenza mogħtija fl-24/05/2004.

113; Clift v. the United Kingdom, 2010, § 66; Demokrat Parti v. Turkey (dec.), 2021).

60. The Court has now clarified that the elements which characterise different situations, and determine their comparability, must be assessed in light of the subject-matter, objective of the impugned provision and the context in which the alleged discrimination is occurring (Fábián v. Hungary [GC], 2017, § 121; Advisory opinion on the difference in treatment between landowner associations “having a recognised existence on the date of the creation of an approved municipal hunters’ association” and those set up after that date, 2022). The assessment of the question of whether or not two persons or groups are in a comparable situation for the purposes of an analysis of differential treatment and discrimination is both specific and contextual; it can only be based on objective and verifiable elements, and the comparable situations must be considered as a whole, avoiding isolated or marginal aspects which would make the entire analysis artificial (ibid.).

61. The Court has, for instance, found that remand prisoners were in a comparable position to convicted prisoners as regards conjugal visits (Varnas v. Lithuania, 2013) and long-term visits (Chaldayev v. Russia, 2019; Vool and Toomik v. Estonia, 2022), but not as regards the continuance of social security benefits (P.C. v. Ireland, 2022). It has also held that men and women were in a comparable situation as regards parental leave (Konstantin Markin v. Russia [GC], 2012), prison sentencing policy (Khamtokhu and Aksenchik v. Russia [GC], 2017) and deferral of prison sentences (Alexandru Enache v. Romania, 2017).

62. In Yocheva and Ganeva v. Bulgaria, 2021, the Court held that the applicant, who had been refused a monthly allowance provided to families in which children had only one living parent, because her children had not been recognised by their father, was in a relevantly similar position both to fathers of children whose mothers had died and to widows whose children had been born in wedlock and single mothers whose children’s fathers had recognised them before dying. The difference in treatment in the applicants’ case, which emanated from the applicable law itself, was based on a very traditional, outdated and stereotypical understanding of a family, as necessarily having two legal parents.

63. At the same time, the Court has held that

- pensioners living within a country were not in a comparable situation to those living abroad as regards index-linking of pensions (Carson and Others v. the United Kingdom [GC], 2010);
- cohabiting sisters were not in a comparable situation to spouses or civil partners as regards inheritance tax (Burden v. the United Kingdom [GC], 2008);
- pensioners employed within the civil service were not in a comparable situation to those employed within the private sector as regards their pension entitlement (Fábián v. Hungary [GC], 2017) or to those belonging to a different categories of pensioners within the public sector (Gellérthegyi and Others v. Hungary (dec.), 2018);
- taxpayers who had not challenged a social contribution before it was declared unconstitutional were not in a comparable situation to those who had taken this bold initiative as regard the retroactive reimbursement of said social contribution (Frantzeskakis and Others v. Greece (dec.), 2019);
- public and privately-owned kindergartens were not in a comparable position as regards the payment of subsidies (Špoljar and Dječji vrtić Pčelice v. Croatia (dec.), 2020, §§ 40-44);
- pensioners in receipt of disability pension were not in a situation comparable to old-age pensioners as regards the possibility of recalculating their pension (Milivojević v. Serbia (dec.), 2022);
- a person who had hit a police officer who was trying to arrest her was not in a situation comparable to another person who had hit a civilian (P.W. v. Austria, 2022);
- Muslim believers are not in a comparable situation to fishermen and hunters in terms of the obligation to stun animals before slaughter Executief van de Moslims van België and Others v. Belgium*, 2024, § 146;
- Internally displaced persons were not in an analogous, or relevantly similar, situation in comparison with other recipients of social benefits (Shylina v. Ukraine*, 2024, § 59)

58. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti qed tilmenta illi l-impożizzjoni tas-soprataxxa fil-konfront tagħha mingħajr il-benefiċċju tal-*capping* tikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tad-dritt tagħha għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha, billi l-miżura mpunjata kienet qed twassal biex hija tħallas aktar minn ħaddieħor li, skont hi, jinsab

f'sitwazzjoni analoga għal tagħha. L-intimati iżda jsostnu li min kien intitolat jibbenefika minn *capping* ma jistax jitqies li kien f'sitwazzjoni analoga għar-rikorrenti, u kemm hu hekk, l-uniċi persuni, fiżiċi jew morali, li kienu qed jibbenefikaw minn *capping* kienu dawk involuti f'industriji ta' manifattura, liċenzjati mill-Awtorità għat-Turiżmu bħala lukandi jew *guesthouse* kif ukoll familji li kienu klassifikati bħala soċjalment vulnerabbli.

59. M'hemmx dubju li r-rikorrenti ma tistax titqies li hija jew kienet f'sitwazzjoni paragonabbli mal-familji Maltin klassifikati bħala soċjalment vulnerabbli. Però sa fejn imbagħad it-tqabbil irid isir fil-konfront tal-entitajiet kummerċjali oħrajn, il-Qorti tara li d-distinzjoni li jippruvaw jagħmlu l-intimati m'hija xejn perswaživa. Fil-kuntest tal-impożizzjoni ta' din is-soprataxxa fuq il-konsum tal-utilitajiet tal-elettriku u tal-ilma, il-Qorti ma jidhrilix li ġeneri differenti ta' negozji kummerċjali jistgħu jitqiesu li m'humiex f'sitwazzjonijiet analogi. Kull wieħed minn dawn in-negozji għandu l-istess skop u destinazzjoni ġenerali, u ċjoè l-ġestjoni t'attività ekonomika sabiex jiġi ġenerat qligħ. Fil-kuntest ta' dak l-iskop u destinazzjoni, l-użu tal-utilitajiet tal-elettriku u tal-ilma għandhom ugwalment piż fuq il-vijabilità tal-attività ekonomika eżerċitata, u l-effett ta' soprataxxa fuq dawk l-utilitajiet jinħass daqstant ieħor ikun xi jkun il-ġeneru tan-negozju. Il-Qorti jidhrilha li d-distinzjoni li qed jagħmlu l-intimati bejn sptar u lukanda hija distinzjoni superfiċjali li tibbaża ruħha fuq klassifikazzjoni ta' negozju li però hija irrilevanti fil-kuntest ta' din is-soprataxxa. Kemm jekk negozju huwa sptar privat u kemm jekk huwa lukanda, jibqa' l-fatt li dawn huma attivitajiet li huma ġestiti minn individwi privati bl-iskop li jiġġeneraw profitt, u għalhekk fil-ġestjoni rispettiva tagħhom huma suxxettibbli għall-istess forzi ekonomiċi – fil-kuntest tal-każ odjern, għall-ispiża naxxenti mill-konsum tal-elettriku u tal-ilma. Dan tant hu minnu li kull intrapriża kummerċjali hija – dejjem fil-kuntest tat-tariffi mposti minn Enemalta u llum minn ARMS Limited – klassifikata fl-istess keffa, u ċjoè fil-kategorija "kummerċjali" minflok "residenzjali" jew "domestika". Il-Qorti ma tarax għaliex dawk l-entitajiet li għalihom jgħoddu l-istess tariffi u b'hekk jitqiesu fl-istess kategorija għall-iskop tat-tariffa, għandhom iġarrbu distinzjonijiet meta d-diskors idur fuq is-soprataxxa.

60. Id-distinzjoni li jagħmlu l-intimati aktar milli hija rilevanti għad-determinazzjoni dwar jekk ir-rikorrenti hijiex f'sitwazzjoni analoga ma' lukandi u fabbriki, tista' però tkun rilevanti meta l-Qorti tiġi biex tikkonsidra jekk jeżistux raġunijiet li huma

oġġettivament ġustifikabbli għaliex lukandi u fabbriki ingħataw il-benefiċċju tal-*capping* u ħaddieħor le. Dak huwa eżerċizzju li l-Qorti għadha trid tagħmel u sejra tagħmel la darba qed issib li kien hemm tassew trattament differenti ta' persuni f'sitwazzjoni analoga. Eżerċizzju li huwa neċessarju proprju għaliex minkejja l-fatt li Qorti tista' tasal għall-konklużjoni li jkun hemm dan it-trattament differenti, xorta waħda dan ma jwassalx għal sejbien ta' ksur tal-artikolu 14, għaliex jaf ikun hemm raġuni li oġġettivament tiġġustifika dak it-trattament differenti.

61. F'dan ir-rigward, l-intimati ma jelaborawx wisq fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-raġuni għaliex lukandi u fabbriki ingħataw trattament differenti minn intrapriżi kummerċjali oħrajn.

62. Fid-deċiżjoni ***Guberina vs. Croatia*** (QEDB, 22/3/2016) intqal:

> 69. Generally, in order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous, or relevantly similar, situations (see *X and Others v. Austria* [GC], no. 19010/07, § 98, ECHR 2013). However, not every difference in treatment will amount to a violation of Article 14. A difference of treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words, if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see *Fabris v. France* [GC], no. 16574/08, § 56, ECHR 2013; *Weller v. Hungary*, no. 44399/05, § 27, 31 March 2009; and *Topčić-Rosenberg v. Croatia*, no. 19391/11, § 36, 14 November 2013).
>
> 70. Moreover, Article 14 does not prohibit Contracting Parties from treating groups differently in order to correct "factual inequalities" between them. Indeed, the right not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is also violated when States without an objective and reasonable justification fail to treat differently persons whose situations are significantly different (see *Thlimmenos v. Greece* [GC], no. 34369/97, § 44, ECHR 2000-IV; *Stec and Others v. the United Kingdom* [GC], nos. 65731/01 and 65900/01, § 51, ECHR 2006-VI; and *Sejdić and Finci v. Bosnia and Herzegovina* [GC], nos. 27996/06 and 34836/06, § 44, ECHR 2009).

71. The Court has also accepted that a general policy or measure that has disproportionately prejudicial effects on a particular group may be considered discriminatory notwithstanding that it is not specifically aimed at that group, and that discrimination potentially contrary to the Convention may result from a *de facto* situation (see *D.H. and Others v. the Czech Republic* [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007-IV, and *Kurić and Others v. Slovenia* [GC], no. 26828/06, § 388, ECHR 2012). This is only the case, however, if such policy or measure has no "objective and reasonable" justification, that is, if it does not pursue a "legitimate aim" or if there is not a "reasonable relationship of proportionality" between the means employed and the aim sought to be realised (see *S.A.S. v. France* [GC], no. 43835/11, § 161, ECHR 2014).

72. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a different treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject matter and the background. The same is true with regard to the necessity to treat groups differently in order to correct "factual inequalities between them" (see *Stummer v. Austria* [GC], no. 37452/02, § 88, ECHR 2011).

73. On the one hand, a wide margin is usually allowed to the State under the Convention when it comes to general measures of economic or social strategy, for example (see *Hämäläinen v. Finland* [GC], no. 37359/09, § 109, ECHR 2014). This also includes measures in the area of taxation. However, any such measures must be implemented in a non-discriminatory manner and comply with the requirements of proportionality (see *R.Sz. v. Hungary*, no. 41838/11, § 54, 2 July 2013). On the other hand, if a restriction on fundamental rights applies to a particularly vulnerable group in society that has suffered considerable discrimination in the past, then the State's margin of appreciation is substantially narrower and it must have very weighty reasons for the restrictions in question. The reason for this approach, which questions certain classifications *per se*, is that such groups were historically subject to prejudice with lasting consequences, resulting in their social exclusion. Such prejudice could entail legislative stereotyping which prohibits the individualised evaluation of their capacities and needs. The Court has already identified a number of such vulnerable groups that suffered different treatment on account of their characteristic or status, including disability (see *Glor*, cited

> above, § 84; *Alajos Kiss v. Hungary*, no. 38832/06, § 42, 20 May 2010; and *Kiyutin v. Russia*, no. 2700/10, § 63, ECHR 2011). Moreover, with regard to all actions concerning children with disabilities the best interest of the child must be a primary consideration (see paragraph 34 above; Article 7 § 2 of the CRPD). In any case, however, irrespective of the scope of the State's margin of appreciation, the final decision as to the observance of the Convention's requirements rests with the Court (see, *inter alia*, *Konstantin Markin v. Russia* [GC], no. 30078/06, § 126, ECHR 2012).
>
> 74. Lastly, as regards the burden of proof in relation to Article 14 of the Convention, the Court has held that once the applicant has shown a difference in treatment, it is for the Government to show that it was justified (see *D.H. and Others v. the Czech Republic*, cited above, § 177; *Kurić and Others*, cited above, § 389; and *Vallianatos and Others v. Greece* [GC], nos. 29381/09 and 32684/09, § 85, ECHR 2013).

63. Prinċipji li ġew imtennija fid-deċiżjoni ***J.D. and A vs. The United Kingdom*** (QEDB, 24/10/2019): «*However, as the Court has stressed in the context of Article 14 in conjunction with Article 1 Protocol 1, although the margin of appreciation in the context of general measures of economic or social policy is, in principle, wide, such measures must nevertheless be implemented in a manner that does not violate the prohibition of discrimination as set out in the Convention and complies with the requirement of proportionality (see Fábián, cited above, § 115, with further references). Thus, even a wide margin in the sphere of economic or social policy does not justify the adoption of laws or practices that would violate the prohibition of discrimination*».

64. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, il-Qorti tagħraf li fl-impożizzjoni ta' taxxi, jew kif inhu l-każ odjern, soprataxxa, l-Istat għandu jingħata marġni wiesgħa ta' apprezzament. Marġini li jista' jissarraf fil-fakoltà li jintaxxa b'mod differenti intrapriżi kummerċjali differenti. Dan għaliex l-interess ġenerali jew pubbliku, konsistenti mill-protezzjoni tal-eżerċizzju tal-attivitajiet kummerċjali fl-interess ekonomiku u soċjali ġenerali tal-pajjiż, jistgħu jiġġustifikaw li ċertu intrapriżi jibbenefikaw minn protezzjoni li intrapriżi oħrajn ikollhom inqas ħtieġa għaliha. Però huwa fatt li l-mod kif dan il-marġini t'apprezzament jiġi eżerċitat mill-Istat huwa soġġett għall-istħarriġ tal-Qorti, li għandha tiċċensurah jekk issib li oġġettivament ma jikkostitwix

ġustifikazzjoni raġjonevoli għat-trattament differenti taħt eżami. F'dan is-sens huwa paċifiku li l-oneru tal-prova tal-ġustifikazzjoni raġjonevoli hija fuq l-Istat.

65. Fil-każ odjern il-Qorti ssib li l-intimati ma wrewx kif u għaliex fabbriki u lukandi kienu jinneċessitaw protezzjoni filwaqt li intrapriżi kummerċjali oħrajn ma kellhomx ħtieġa għal dik il-protezzjoni. Il-Qorti fehmet li l-fabbriki u lukandi li ingħataw il-*capping* ġew mogħtija dak il-benefiċċju b'konsegwenza tal-fatt sempliċi li huma joperaw f'settur partikolari, mingħajr ebda riferenza jew konsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi soġġettivi ta' kull intrapriża. Hekk, per eżempju, jidher li kull lukanda kienet intitolata għal din il-protezzjoni bil-fatt sempliċi li hija liċenzjata bħala lukanda, mingħajr ebda eżaminazzjoni ta' ċirkostanzi oħrajn rilevanti, bħal ma huma kemm għandha impjegati, x'inhu d-dħul tagħha fis-snin passati u fatturi oħrajn li, fil-fehma tal-Qorti, jistgħu jinċidu fuq id-determinazzjoni ta' kemm dik l-intrapriża kellha titqies meritevoli ta' protezzjoni. Fuq ix-xaqliba l-oħra, jidher paċifiku li intrapriżi li mhux lukandi jew fabbriki ġew esklużi mill-istess benefiċċju tal-*capping* mingħajr ebda konsiderazzjoni lejn iċ-ċirkostanzi ndividwali u soġġettivi tagħhom. Fi kliem ieħor, irrispettivament mill-qagħda finanzjarja, sana jew imwiegħra, ta' kull intrapriża, u mill-kontribut effettiv li din qed tagħti jew setgħet kienet qed tagħti, lis-soċjetà jew lill-ekonomija ta' Malta.

66. Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li t-trattament differenti mogħti mill-Ministru intimat u minn Enemalta ma kienx wieħed oġġettivament ġustifikabbli, u għalhekk jikser l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif abbinat mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

67. La l-Qorti qed issib ksur, huwa dmir tagħha li tagħti rimedju. U fil-fehma tagħha, ir-rimedju li jista' jsaffi l-ksur soffert mir-rikorrenti għandu jkun wieħed li jġib fix-xejn it-trattament diskriminatorju mġarrab minnha. Dan ifisser li dak dovut mir-rikorrenti lil Enemalta matul il-perijodu rilevanti għandu jiġi kalkolat mill-ġdid bħallikieku r-rikorrenti stess kienet qiegħda tibbenefika mill-*capping* li ġiet imċaħħda minnu. Skont il-kalkolazzjonijiet magħmula mill-perit komputista nominat f'dawn l-atti:

i) waqt il-perijodu rilevanti, l-ammont totali dovut mir-rikorrenti b'konsegwenza tas-*surcharge* kien jammonta għal €99,398; u

ii) f'każ li matul il-perijodu rilevanti, ir-rikorrenti kienet tibbenefika mill-*capping*, l-ammont dovut minnha kien ikun ta' €72,043.

68. Dan għalhekk ifisser li l-esklużjoni tar-rikorrenti mill-benefiċċju tal-*capping* wassal biex hija teħel soprataxxa addizzjonali ta' €27,355[41]. Dan l-ammont, u kull imgħax akkumulat minnu, għandu jitnaqqas mid-debitu dovut mir-rikorrenti lil Enemalta.

69. Fil-fehma tal-Qorti, dan ir-rimedju huwa wieħed biżżejjed u suffiċċjenti fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Ir-rikorrenti ma resqitx prova adekwata li b'konsegwenza tat-trattament diskriminatorju hija soffriet xi ħsara morali jew xi telf pekunjarju ieħor. Saru allegazzjonijiet f'dan is-sens li però ma ġew bl-ebda mod ippruvati kif imiss, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li bir-rimedju mogħti, ir-rikorrenti se titqiegħed fis-sitwazzjoni li kienet tkun fiha kieku l-vjolazzjoni ma seħħitx, li wara kollox huwa l-iskop ta' azzjoni bħal ma hija dik odjerna.

70. Lanqas ma huwa neċessarju li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Kamra tad-Deputati kif jipprovdi l-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, la darba l-leġiżlazzjoni sussidjarja li l-Qorti sabet li vvjolat id-drittijiet tar-rikorrenti m'għadhiex tifforma parti mil-liġi tal-pajjiż.

71. Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-intimati;

(ii) tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti, kompriżi l-eċċezzjonijiet ulterjuri, tal-intimata Enemalta plc;

(iii) tilqa' parzjalment it-tieni eċċezzjoni tal-Ministru intimat u tal-Avukat tal-Istat u għalhekk teħles lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju;

(iv) tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet, kompriżi l-eċċezzjonijiet ulterjuri, tal-Ministru intimat;

[41] Dan ġie wkoll ikkonfermat *expressis verbis* mill-perit komputista, a fol.818.

(v) tilqa' l-ewwel talba biss fis-sens li tiddikjara li l-Avviż Legali Numru 132 tal-2005 u Avviżi Legali sussegwenti li ħaddmu sistema ta' surcharge u ta' capping fuq l-istess surcharge kif fuq premess kellhom effett diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem abbinat mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, iżda tiċħadha fil-kumplament tagħha;

(vi) tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf tliet mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€27,355), kif ukoll kull imgħax akkumulat b'konsegwenza ta' dan l-ammont, mhux dovut mir-rikorrenti lill-intimata Enemalta plc;

(vii) tiċħad it-tielet talba billi ebda rifużjoni ma tirriżulta dovuta;

(viii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba billi ebda rimedju ieħor ma huwa neċessarju fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ;

(ix) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jkunu sopportati mill-Ministru intimat u mill-intimata Enemalta plc solidalment bejniethom, la darba l-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' dritt fondamentali.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur